MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 826/2001/1

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Alan u Jacqueline konjugi Mackay u b'digriet tat-18 ta' Marzu 2002 Dr Victor Scerri gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirrapresenta lil Alan Mckay.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati li jhallsu lill-Bank attur elf seba' mija sebgha u sittin Liri Maltin u sitt centezmi (Lm1767.06) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-'loan account ', current accout facilita ta' Visa card f'isem il-konvenut Alan Mackay u facilita ta' Visa Card f'isem il-konvenuta Jacqueline Mackay skond statements annessi mal-avviz u mmarkati Dok A, Dok B, Dok C u Dok D bl-interessi

kkalkolati sas-7 ta' Lulju 2001 oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-8 ta' Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-11 t' Mejju 2001, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat mal-avviz u bl-imghax legali mit-8 ta' Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 5 tal-istess atti.

Rat dak verbalizzat a fol 11 tal-atti in rigward in-notifika o meno tal-konvenut assenti Alan Mackay (ara fol 8 a tergo).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 12 ibid) u li biha ecccepiet bir-rispett:

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici mhux kollu dovut mill-konvenuta stante li hija qatt ma awtorizzat lill-zewgha jidhol fid-dejn mas-socjeta attrici, u inoltre ma kienetx taf bih qabel.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-konvenut Alan Mackay huwa assenti minn dawn il-gzejjer ghal dawn l-ahhar erba snin u l-accettazzjoni tal-avviz u l-avviz tas-smiegh da parti tal-konvenut sar bi zball u bi svista.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digret taghha tat-18 ta' Marzu 2002 (fol 14 ibid) u li bih gie nominat Dr Victor Scerri bhala kuratur deputat sabiex jirrapresenta lill-istess Alan Mackay.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-istess Dr Victor Scerri nomine (fol 21 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jitlob lis-socjeta attrici taghtih l-indirizz tal-patrocinat tieghu.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat in-nota tal-istess konvenuta Jacqueline Mackay Saliba (fol 38 ibid) u li biha ammettiet t-talbiet attrici ‘b’dan li l-imsemmi debitu huwa tal-komunjoni tal-akkwisti …..’ kif ukoll iz-zewg dokumenti annessi mal-istess nota (fol 39 u fol 40 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-Bank attur ipproduca s-segwenti provi:-

a) Yvette Bonnici (fol 23 ibid) bhala ‘supervisor’ fil-‘credit department’ tal-Bank attur. Din ikkonfermat li l-ammont specifikat fl-avviz kien ghadu dovut waqt li irreferiet, ukoll, ghad-dokumenti annessi mal-avviz, hawn fuq imsemmija.

b) Catherine Fenech (fol 30 u fol 31 ibid) mill-Ufficju Legali tal-istess Bank. Din, l-ewwel nett, ikkonfermat li l-konvenuti kienu ffirmaw flimkien, l-applikazzjonijiet sabiex jinghataw zewg ‘flexi-credit accounts’. Inoltre l-istess konvenuti kienu applikaw individwalment sabiex jinghataw ir-rispettiva ‘visa card’. Fl-ahhar nett, din ix-xhud ikkonfermat ukoll li l-ammont specifikat fl-avviz kien ghadu dovut mill-konvenuti.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, jidher, b’mod evidenti li t-talba attrici ghandha tigi akkolta anke fid-dawl ukoll tal-ammissjoni kif maghmula mill-istess konvenuta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konenuti sabiex jhallsu lill-istess Bank attur is-somma ta’ Lm1767.06,0 bl-imghaxijiet legali ulterjuri mit-8 ta’ Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk illi jirreferu ghal VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tal-11

ta’ Mejju 2001 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tas-27 ta’ Settembru 2001.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------